MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 30/2013

Rikors Guramentat Nru. 30 / 13RGM

Kawza fil-lista: 33

**A B**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku; C D**

**u b'digriet tal-25 ta' Frar 2013 l-istess intimata C D**

**giet nominata kuraturi deputati sabiex tirraprezenta**

**lill-minuri E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A Bli permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrent u l-konvenuta C D kellhom relazzjoni intima, u frott tal-istess, fl-erba' u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011), il-konvenuta welldet tarbija, ta' sess feminili, bl-isem ta' E D, u dana kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid taghha li jgib n-numru progressiv ta' registrazzjoni tnejn-tnejn-erba"- tmienja/tnejn-zero-wiehed-wiehed (2248/2011);

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri hemm iddikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa unknown father', fil-fatt ir-rikorrent huwa l-missier bjologiku u naturali taghha, billi, kif fuq intqal, u kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, giet koncepita fil-kors tar-relazzjoni intima li kellhom il-kontendenti;

3. Illi r-rikorrent ghandu interess illi tigi dikjarata l-paternita' rejali tal-minuri E D, billi irid jirrikonoxxiha u anke irid imantniha skond il-ligi;

4. Illi r-rikorrent kien ipproceda b'ittra ufficjali Nru. 3429/12 tal-5 ta' Novembru 2012 skond il-procedura kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kodici Civili, izda, ghalkemm debitament notifikata, l-intimata C D naqset milli tirrispondi biex taghti l-kunsens taghha biex ir-rikorrent jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali;

5. Illi l-paternita' veritjera tal-minuri E D tista' tigi facilment stabilita permezz ta' testijiet genetici;

6. Illi l-intimata, interpellata ripetutament, baqghet inadempjenti, vide l-annessi ittra bonarja tal-21 ta' Marzu 2012, risposta tal-avukat tal-intimata, risposta tal-avukat tal-intimata ghac-citata ittra ufficjali, u ghalhekk kellha ssir din l-istanza;

7. Illi ghal finijiet tal-korrezzjonijiet li din il-Qorti sejra tigi mitluba tordna hawn taht, ir-rikorrent A Bjiddikjara illi huwa mpiegat, li huwa iben Joseph B, detentur tal-karta' tal-identita' Nru. 0422547M, u ta' Emanwela Bxebba Gialanze, detentrici tal-karta' tal-identita' Nru. 042456M, Ii twieled il-Pieta' u li joqghod Haz Zabbar, u ghandu l-karta tal-identita' tieghu bin-numru 0130275M;

8. Ir-rikorrent inoltre jiddikjara illi l-fatti suesposti huma kollha a diretta konoxxenza tieghu.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghobha:

a. Tordna lill-intimata C D, sabiex, ghat-tenur tal-Art. 70A (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civil tal-ligijiet ta' Malta, u taht dawk il-provvedimenti u ordnijiet li jogobgha taghti fir-rigward, biex taghti l-kunsens taghha biex isiru l-ezamijiet u t-testijiet genetici dwar il-paternita, fuq il-persuna taghha u fuq dik ta' bintha minuri E D, billi jittihdilhorn kampjun genetiku xieraq ghat-test skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi vigenti.

U wara li jsiru l-imsemmija ezamijiet u testijiet, u kemm il-darba jirrizulta minnhom, kif ir-rikorrent huwa konvint li jkun il-kaz, illi huwa huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E D;

a. Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi r-rikorrent A Bhuwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E D;

b. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel id-debiti korrezjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E D (Att Numru tnejn-tnejn-erba' - tmienja/tnejn-zero-wiehed-wiehed (2248 tas-sena elfejn u hdax 2011), [billi (i) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, UNKNOWN FATHER, jikkancella l-isem UNKNOWN FATHER u jissostitwih bl-isem A B, u billi (ii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom it-tarbija, jikkancella l-kunjom D u jisstostitwih bil-kunjom B;

U peress illi r-rikorrent irid li jkun involut fit-trobbija ta' bintu, u irid ukoll illi filwaqt li l-istess bintu tibqa' tghix ma' ommha l-intimata, huwa ghandu jkollu access ghaliha bil-mod u kif joghgobgha tiffissa u tiddeciedi din il-Qorti;

U peress ukoll illi r-rikorrent jixtieq jikkontribwixxi ghall-manutenzjoni ta' bintu skond il-ligi bil-mod u kif joghgobgha tiffissa u tiddeciedi din il-Qorti;

c. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri bintu E, lilu u lill-intimata flimkien, filwaqt, li taht ic-cirkostanzi prevalenti llum, li tibqa tghix mal-intimata ommha;

d. Tiffissa l-modalitajiet tal-access xieraq li r-rikorrent ghandu jkollu ghal bintu;

e. Tordna lill-intimata biex taghtih l-access li jigi stipulat f( d) supra;

f. Tiffissa r-retta alimentari li r-rikorrent irid ihallas ghall-mantniment tal-istess bintu;

L-intimati huma minn issa ngunti ghas-subizjoni taghhom.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-konsult, tal-ittra bonarja tal-21 ta' Marzu 2012, u tal-ittra ufficjali Nru. 3429112 tal-5 ta' Novembru 2012, kontra l-intimata wahedha, billi kienet hija wahedha li pprovokat din l-istanza u billi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku m'ghandu ebda htija jew tort.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti tal-attur.

Rat li l-konvenuta Britanie Marie D baqghet kontumaci

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn gie sottomess dan li gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemrn f'dan 1-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent jinvita lir-rikorrent A Bsabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri E D, u (2) jekk il-missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla E D. Tali informazzjoni hija rnehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita E D bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 2248 ta' 1-2011;

3. Illi ghall-ahhar erba' talbiet doe' mic-c sa l-f, l-esponent jiddikjara li mhux legittimu kontradittur.

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur konvenut.

Rat is-sentenza in parte taghha tad-9 ta' Lulju 2013 li permezz taghha ordnat li jsiru t-testijiet tad-DNA rilevanti u ghal dan il-ghan innominat lil Dr Marisa Cassar.

Rat id-*DNA Paternity Test Report*ipprezentat minn Dr Marisa Cassar (fol. 104) minn fejn jirrizulta li l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri Chelsea D.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar it-talbiet attrici riferibbli ghall-att tat-twelid tal-minuri.

Ikkonsidrat;

Mill-atti jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-minuri Chelsea D hija bint l-attur A B,

Fl-att tat-twelid tal-minuri hemm indikat li l-missier ma hux maghruf.

It-talba attrici sabiex isem l-attur jigi inserit fl-att tat-twelid tal-minuri bhala l-missier hija gusitifikata u sodisfacentement ippruvata.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici referibbli ghall-att tat-twelid tal-minuri,

1. Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-attur A Bhuwa l-missier bijologiku tal-minuri E D

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex mill-att tat-twelid tal-minuri jikkancella l-kliem 'unknown father' u minflok jinserixxi isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw mill-atti ta' din il-kawza u mill-atti li jinsabu fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza fir-rigward tal-kumplament tat-talbiet attrici.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------